**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 31 ta' Ottubru 2024**

Rikors Numru: 241/24 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tnax ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (12.12.2009) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi miż-żwieġ tagħhom twieldet tifla, fis-sittax ta' April tas-sena elfejn u sittax (16.04.2016);

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan- Nutar Dottor Patricia Hall datat 8 ta' Lulju ta-sea elfejn u wiehed

u ghoxrin (08.07.2021) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B');

4. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rregolaw il-modalita ta' kif ghandu jithaddem l-manteniment ghal minuri u dan ghal vista ta' l-access minhabba gha l-istess tifla minhabba l-iskeda tax-xoghol taz-zewg partijiet. Illi sal-lum ma hemm l-ebda pendenzi u/jew arretrati ta' manteniment;
5. Illi l-partijiet kienu reciprokament irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin;
6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata iż-żewg partijiet għandhom hajja totalment separata minn xulxin;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju u dan skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal- Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż- żwieġ tal-partijiet;

U dan taht kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat in-nota tal-intimat tal-process li permezz taghha espona:

1. Ili l-esponenti jaqbel mal-fatti dikjarati fir-rikors promotur u filwaqt li jistqarr li m'hemmx imposizzjoni ghal hall taz-zwieg bejn il-partijiet jiddikjara li m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kif hekk prezentati mir-rikorrenti.

2. Illi l-esponenti jeccepixxi li l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ma ghandhomx jigu sapportati minnu.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Mejju 2024;

Rat in-nota tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta  Lulju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta’ xebba ossija “Farrugia”. Il-Qorti tilqa’ din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f’dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “Farrugia”, tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f’dan ir-rigward, tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.